MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1411/2005

**Nicholas Borg Cardona**

**vs**

**Simon Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Gunju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500.00), rapprezetnanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-11 ta' Jannar 2005 f'Horns Ditch, Floriana, bejn il-vettura bin-numru RON-013 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru NIC-982 (gia LEE-880) misjuqa mill-attur, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali datata 10 ta’ Gunju 2005, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Gunju 2005 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghax pagabbli mill-10 ta’ Gunju 2005 sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li minn  issa hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza u dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------